**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Mejju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 171 / 16RGM

Kawza fil-lista: 14

**A B f'isimiha proprio u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri C B u dan permezz tad-digriet datat 27 ta' Lulju 2016**
**vs**
**D E;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali skont l-inkartament;

2. Illi fis-6 ta' Novembru 2015 lill-attrici twelditilha tifla bl-isem C hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid.

3. Illi skont l-istess certifikat tat-twelid it-tifla C giet inskritta bhala wild l-attrici u ta' missier rnhux maghruf (unknown father).

4. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-konvenut D E huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C in kwantu koncepita minnu mir-relazzjoni li l-istess konvunut kellu mal-attrici omm l-istess minuri.

5. Illi skont il-ligi l-konvenut bhala missier il-minuri C ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skont il-mezzi tieghu, l-istess minuri.

6. Illi l-konvenut mhux qed ihallas manteniment ghall-istess minuri.

7. Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jirrikonoxxi lill-bintu u jhallas manteniment baqa' inadempjenti.

8. Illi ghalhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut D E huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C;

2. Konsegwentement tordna li l-Att tat-Twelid tal-istess tifla minuri C jigi korrett fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem “Missier mhux maghruf” jew “Unknown Father” u sostitwiti bil-kliem "D E" u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess D E;

3. Tiddikjara ukoll illi l-konvenut D E bhala missier il-minuri C ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess minuri tieghu, u dana b'effett mid-data tat-twelid taghha.

4. Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut D E lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri C inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas il-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat l-istess manteniment.

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenut D E sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew dhul jew assistenza socjali ta l-konvenut D E.

6. Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri C tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti salv access favur il-konvenut E.

Bl-ispejjez kontra konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponenti tidher li hemm nieqsa l-awtoizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri C B skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f’dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghas-suespost f’kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut D E sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu permezz ta' nota li tispecifika senjatament (l) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-eta` tieghu meta twieldet il-minuri C B (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet il-minuri C B. Tali informazzjom hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita minuri C B bin-numru ta' registrazzjoni progressiv hamest elef disgha mija u hmistax tas-sena elfejn u hmistax (5915/2015);

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri C B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

a. It-tifla mertu ta' din l-kawza mhix it-tifla tieghu kif jigi pruvat waqt din il-kawza. Huwa lill-attrici kull ma raha f' hajtu huwa ghal darba wahda biss u ghal mhux aktar minn saghtejn u ma jistghax ikun li din it-tifla hija tieghu.

b. Illi kuntrarjament ghal dak li qed tallega l-attrici, l-esponenti qatt ma gie interpellat biex jirrikonixxi t-tarbija.

c. Li inoltre u bla pregudizzju ghal premess, anke jekk jinizulta li huwa l-missier naturali tat-tifla, l-hames u s-sitt talba ghandom jigu michuda stante li tali talbiet jistghu jsiru biss permezz tal-procedura tal-medjazzjoni u dan kif inhu tassativament rikjest mil-ligi.

d. Li ghalhekk anke dawk ix-xhieda li resqet l-attrici dwar l-assi tal-partijiet ma ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' din l-kawza u ma ghandhomx jithallew jixhdu f'dawn il-proceduri stante li din il-kawza ta' paternita` u mhux ta' manteniment.

Salvi risposti ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat d-digriet ta'din l-Qorti moghti 'seduta stante' fid-19 ta' Ottubru 2016 fejn giet nominata Dottor Marisa Cassar biex tikkonduci t-testijiet tad-DNA fuq A B,Terance E u l-minuri Shazya;

Rat l-affidavit ta' Dottor Marisa Cassar tad-29 ta' Marzu 2017 li dddikjarat li mit-testijiet li ghamlet irrizultalha li l-konvenut Terance E hu il-missier naturali u biologiku tl-minuri C B;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2017 fejn fuq domanda tal-Qorti l-konvenut Terance E ddikjara li fis-6 ta' Novembru 2015 hu kellu 34 sena, isem missieru hu Carmel (haj), kien joqghod il-Belt Valletta u hu imwieled il-Pieta'; l-attrici A B ddikjarat li kunjom il-minuri ghandu jkun "E" mentri D E ddikjara li ma jixtieqx li l-minuri tiehu kunjomu, u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.
PROVI.

Fir-rikors guramentat taghha pprezentat fis-27 ta' Lulju 2016 l-attrici kkonfermat li giet ammessa biex tipprocedi bil-beneficcju tal-ghajnuna legali, li fis-6 ta' Novembru 2015 tweldietilha tifla bl-isem C, kif konfermat mic-certifikat tat-twelied li gie anness u market Dok PS2, li fl-istess certifikat it-tifla C giet indikata bhala wild ta' missier mhux maghruf (unknown father), li l-konvenut D E hu l-missier naturali u biologiku tat-tifla C, li bhala missierha l-konvenut ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka lill-minuri skont il-mezzi tieghu, li l-konvenut mhux qed ihallas manteniment ghall-minuri, u billi interpellat diversi drabi biex jirrikonoxxi lil bintu u jhallas manteniment il-konvenut baqa' inadempjenti, l-attrici kienet kostretta tipprocedi b'din il-kawza.

L-attrici kkonfermat li l-minuri giet koncepita mill-konvenut li mieghu hi kellha relazzjoni.

L-attrici, biex giet ammessa ghall-beneficcju gratwitu biex tkun tista' tipprocedi kontra l-konvenut, ikkonfermat bil-gurament li ma ghandha l-ebda propjeta' li tiswa aktar minn Euro 6,993 jew xi income li jeccedi l-paga minima nazzjonali. Fl-10 ta' Dicembru 2015, Fol 7, hi kkonfermat li ma tahdimx u tircevi Euro 360 fix-xahar bhala ghajnuna socjali.

Fis-27 ta' Lulju 2016 l-attrici pprezentat rikors, Fol 10, fejn talbet li tigi nominata kuratrici 'ad litem' biex tidher fl-interess ta' bintha il-minuri C fil-kawza ta' paternita' u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti. Din t-talba giet milqugha b'digriet tas-27 ta' Lulju 2016.

Il-konvenut, fir-risposta guramentata tieghu tat-18 ta' Ottubru 2016, Fol 32, ikkontesta t-talbiet attrici u ddikjara li l-minuri mhix it-tifla tieghu, li lill-attrici f'hajtu kollha raha f'okkazzjoni ta' darba wahda biss u ghal mhux aktar minn saghtejn u ghalhekk ma jistghax ikun li t-tifla hi tieghu. Hu ddikjara, kuntrarjament ghal dak li allegat l-attrici, li qatt ma gie interpellat biex jirrikonoxxi t-tarbija. In oltre, anke jekk jirrizulta li hu il-missier naturali, il-hames talba, dik tal-manteniment u s-sitt talba, dik ta' kura u kustodja tal-minuri, ghandhom jigu michuda billi dawn jistghu jsiru biss wara l-procedura ta' medjazzjoni, kif tassattivament rikjest mill-ligi. Ix-xhieda indikati mill-attrici biex jixhdu dwar l-assi huma irrilevanti billi din hi kawza ta' paternita' u mhux ta' manteniment.

Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fir-risposta guramentata pprezentata fit-12 ta' Ottubru 2016, Fol 26, eccepixxa preliminarjament li n-notifika ma saritx kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap.12, li ma jidhirx, mill-atti lilu notifikati li saret id-debita awtorizazzjoni biex l-attrici tipprocedi bhala kuratrici 'ad litem' ta' bintha l-minuri, skont l-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12, li l-Qorti ghandha tistieden lill-partijiet biex jissottomettu ruhhom ghat-tests genetici skont l-

Artikolu 100A tal-Kap. 16, fil-kaz li jigu milqugha t-talbiet attrici, l-konvenut ghandu jaghti d-dettalji personali kollha tieghu biex dawn jigu eventwalment inseriti fl-Att tat-Twelied tal-minuri, li l-partijiet ghandhom jiddecidu liema kunjom ghandha tassumi l-minuri skont l-Artikolu 92(6) tal-Kap 16, u billi l-kawza mhiex attribwibbli ghal xi nuqqas da parti tieghu ma ghandhux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

B'nota tad-29 ta' Marzu 2017, Fol 46, Dottor Marisa Cassar ipprezentat l-affidavit taghha, photo copy tal-I.D. Card tal-attrici u tal-konvenut, ritratt tal-minuri u rapport li jikkonferma li l-konvenut D E I.D. 295681 M hu il-missier naturali tal-minuri C B li twieldet fis-6 ta' Novembru 2015.

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-azzjoni tal-attrici qed issir fit-termini tal-Artikolu 77B tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi:

'It-talba gudizzjarja ghad-dikjarazzjoni ta' paternita'kif imsemmija fl-artikolu ta' qabel dan tista' ukoll tigi ezercitata mill-mara permezz ta' rikors guramentat quddiem il-Qorti kompetenti kontra r-ragel taghha, il-missier naturali u t-tifel taghha imwieled fiz-zwieg jekk kemm-il darba hija tipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelied tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma' dik il-persuna li qieghda tintalab li tigi dikjarata bhala il-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt iehor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala l-missier naturali tat-tifel.'

Sabiex azzjoni skont l-artikolu 77B riprodott 'supra' tirnexxi jinhtieg li jigu soddisfatti tlett rekwiziti:

1. L-azzjoni promossa mill-mara tigi istitwita kontra (a) r-ragel taghha, (b) il-missier naturali u (c) il-wild taghha.

2. Li l-mara tipprova li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelied tat-tarbija hija kienet wettqet adulterju ma' dikil-persuna li qeghda tintalab li tigi dikjarata bhala il-missier naturali tal-wild.

3. Tipprova anke b'testijiet u provi genetici u xjentifici li x'aktarx jindikaw lil dik il-persuna bhala il-missier naturali tat-tifel.

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-partijiet m'humiex mizzewgin, skont l-attrici huma kellhom relazzjoni u l-minuri giet koncepita f'dik ir-relazzjoni; l-konvenut, mill-

banda l-ohra, jichad li kellhom relazzjoni pero' jikkoncedi li f'okkazzjoni wahda kien mal-attrici ghal xi saghtejn. Ir-rapport tat-tabiba Dottor Marisa Cassar jikkonferma li mit-testijiet klinici u xjentifici li saru, jirrizulta li l-konvenut hu l-missier naturali u biologiku tal-minuri C.

Id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa preliminarjament li n-notifika ma saritx skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12. u ghalhekk it-terminu ghall-presentata tar-risposta hadd ma bediex jidekorri. Effettivament ir-risposta giet ipprezentata u ghalhekk in-nuqqas ta' notifika ma kellux konsegwenzi fuq l-andament ta' dawn il-proceduri.

Preliminarjament, in oltre, d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li mill-atti lilu notifikati ma rrizultax li l-attrici naghtat l-awtorizazzjoni skont l-artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 biex tipprocedi bhala kuratrici 'ad litem' ghall-bintha il-minuri. Jirrizulta pero' li l-attrici ipprezentat rikors ghal tali awtorizazzjoni, talba li giet milqugha b'digriet tas-27 ta' Lulju 2016 Fol,10.

Il-konvenut D E, fir-risposta guramentata tieghu kkontesta l-allegazzjoni tal-attrici li hu l-missier naturali tal-minuri u ddikjara kontrarjament ghal dak allegat mill-attrici, li hu qatt ma gie interpellat biex jirrikonoxxi t-tarbija.
Ghalkemm huwa fatt li l-attrici ma pproduciet l-ebda dokument li jikkonferma li l-konvenut kien gie interpellat jirrikonoxxi t-tarbija r-rizultanzi tat-testijiet medici u genetici jindikaw li l-istess konvenut hu il-missier naturali u biologiku tal-minuri. Il-konvenut baqa' jichad li huwa l-missier tat-tarbija anke wara li gew intavolati dawn il-proceduri u ghalhekk il-Qorti temmen il-verzjoni tal-attrici illi kienet kostretta tipprocedi b'kawza ghaliex il-konvenut kien qieghed jirrifjuta li jirrikonoxxi lit-tarbija.

Il-konvenut E eccepixxa, in oltre, li l-hames u s-sitt talbiet attrici, dwar manteniment u kura u kustodja tal-minuri ghandhom jigu michuda billi dawn jistghu jsiru biss permezz tal-procedura tal-medjazzjoni, kif hu tassattivament rikjest mill-ligi.

Huwa minnu illi Regolament numru 9 tal-Ligi Sussidjarja 12.20 jistipula li kwistjonijiet dwar kura u kustodja u manteniment ghandhom qabel xejn jigu riferuti ghal medjazzjoni. Ghalhekk il-Qorti f'dan l-istadju mhiex ser tippronunzja ruhha dwar ir-raba', il-hames u s-sitt talba attrici sakemm il-partijiet imorru ghall-process ta' medjazzjoni.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut E tiddisponi mir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku konformement ma' dak hawn deciz u tiddeciedi l-ewwel zewg talbiet attrici billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut D E huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri C.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri jigu kancellati l-kliem 'unknown father' u minflok jigu inseriti l-isem "D E" bil-konnotati kollha tieghu kif jirrizultaw fl-atti tal-kawza u fl-atti fir-Registru Pubbliku.

3. Tordna lill-attrici sabiex zmien ghoxrin jum millum tipprezenta ittra ghall-ftuh tal-procedura ta' medjazzjoni dwar il-mertu tat-talbiet attrici numri tlieta sa numru sitta.

Spejjez ta' din is-sentenza in parte a kariku tal-konvenut D E.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza wara li jigi konkluz il-process ta' medjazzjoni hawn ordnat.

**Imhallef** **Deputat Registratur**